Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 32/2015/1AE

**L-Avukat Dr. Francis Lanfranco [I.D. 381250 M], Francis Xavier Cutajar [I.D. 316366 M]**

**Vs**

**Tonio Caruana fl-interess ta' Messrs G. Caruana sive G. Caruana & Bros.**

It-Tnejn, 22 ta' Frar, 2016.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-intimat ritrattandi Tonio Caruana fl-interess ta' Messrs G. Caruana sive G. Caruana & Bros. (datata 17 ta' Dicembru, 2015) fejn ippremetta:

1. *Illi kontestwalment mal-prezenti rikors, l-intimat ressaq rikors fejn huwa qed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' sentenza li nghatat mill-Qorti Tal-Appell datat 30 ta' Settembru 2015 fl-ismijiet premessi;*

2. *Illi billi l-presentata ta' tali rikors ta' ritrattazzjoni ma jwaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza hawn fuq indikata, l-intimat qed iressaq il-presenti rikors halli ai termini ta' l-Art. 823 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jitlob li f'dan l-istadju u prevja l-ezitu finali u definittiv tal-proceduri ta' ritrattazzjoni jkun hemm it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' tali sentenza f'liema sentenza l-Qorti laqghet "t-talba ta' l-appellanti u tawtorizza r-ripreza tal-pussess mis-sidien appellanti tal-fond 36 Triq id-Dejqa Valletta. Ghal fini ta' l-izgumbrament il-Qorti qed tipprefiggi terminu ta' tlett xhur mil-lum";*

3. *Illi ai termini tal-istess artikolu l-intimat qed jghaddi sabiex jiddepozita l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) rapprezentanti ftit iktar minn sena kera attwalment pagabbli mir-rikorrenti bhala garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza;*

4. *Illi l-intimat jirrileva illi certament li se jkun hu li se jsofri l-aktar pregudizzju mhux il-parti kuntrarja jekk is-sentenza in disamina tigi esegwita pendenti dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni u dan billi hu ser ikollu jizgombra mill-fond in kwistjoni minn fejn huwa qed jopera kummercjalment u jaqla' l-ghejxien tal-familja tieghu;*

5. *Illi ghalhekk ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati l-intimat ihoss li hemm ragunijiet tajba u sufficjenti ghalfejn din il-Qorti ghandha twaqqaf l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza u l-intimat, apparti l-garanzija su-imsemmija, ghadda wkoll sabiex jiddepozita somma stabbilita' mir-registratur taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 823 (2) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iservu bhala garanzija ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri*.

Rat ir-risposta ta' l-atturi l-Avukat Dr. Francis Lanfranco u ta' Francis Xavier Cutajar (datata 7 ta' Jannar 2016) fejn wiegbu:

1. *Illi s-sentenza in kwistjoni hija gjusta u finali u l-atturi ghandhom kull dritt fil-ligi illi jesegwuha, stanti wkoll illi l-proceduri kontestwalment introdotti mir-ritraddandi ghar-ritrattazzjoni huma ghal kollox frivoli u vessatorji u intizi biss sabiex tistultifika process gjudizzjarju li llum huwa wiehed definittiv. Kif jirrizulta mill-istess rikors ta' ritrattazzjoni dina l-procedura qeghdha tintuza mir-ritraddandi bhala stadju ta'* ***appell iehor*** *u b'hekk qieghed jabbuza mit-termini tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi d-depozitu maghmul mir-ritraddandi fl-ammont ta' elf u hames mitt Euro (EUR1,500) li jghid illi jirraprezenta "ftit iktar minn sena kera attwalment pagabbli" minnhu ghal fond de quo lill-atturi bhala "garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza" hija ghal kollox insufficjenti u ma tirrispekkjax l-attwalita' tal-posizzjoni lokatizja tal-fond u dana kif jirrizulta ahjar mid-dokument mahrug mill-Perit Elena Borg Costanzi fl-4 ta' Jannar 2015 – dok A – li jaghti stima tal-kera annwali attwali tal-fond fl-ammont ta' tlieta u erbghin elf Euro (EUR43,000). Ghalhekk id-depozitu maghmul mill-istess Caruana jirraprezenta biss il-kera ta' ftit aktar minn tmienja u ghoxrin (28) jum!*

3. *Illi ghaldaqstant m'huwiex minnu illi r-ritraddandi "se (sic) ikun hu li jsofri l-aktar pregudizzju u mhux il-parti kuntrarja jekk is-sentenza in disamina tigi esegwita pendenti dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni" u kif ukoll m'huwiex minnu –* ***ghalkemm mhux relevanti ghal-kaz – illi*** *r-ritraddandi "jaqla l-ghixien tal-familja tieghu" kif allegat minnu ghaliex l-istess hanut ilu bis-'SALE' ghal cirka dawn l-ahhar sentejn u ilu daqstant ma jgib stokk gdid ghall-bejgh filwaqt illi qieghed javza kulma hemm fil-hanut bil-prezz skontat ta' hamsin fil-mija (50%)*;

Permezz tar-rikors prezentat fis-17 ta' Dicembru 2015, din il-qorti ntalbet sabiex tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-qorti tat-30 ta' Settembru 2015 fil-kawza **L-Avukat Dr Francis Lanfranco et vs Tonio Caruana nomine**, Rikors 86/2007/1). Il-meritu ta' dan ir-rikors hu ezawrit ghaliex illum din il-qorti tat sentenza finali fil-kawza li fiha r-rikorrent nomine talab li tithassar is-sentenza ta' din il-qorti tat-30 ta' Settembru 2015 u

ritrattazzjoni tal-kaz a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 (**L-Avukat Dr Francis Lanfranco et vs Tonio Caruana nomine**, Rikors 86/07/02AE).

**Ghaldaqstant tiddikjara li l-meritu ta' dan ir-rikors hu llum ezawrit. Spejjez a karigu tar-rikorrent nomine**.

Anthony Ellul.